MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2014

Avviz Numru. 317/2006

**Tarsons Limited**

**Vs**

**Joseph sive Joe u Jane konjugi Debono**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat ir-rikors tas-socjeta' attrici fejn talbet li l-konvenuti jigu kkundannati sabiex ihallsu s-somma ta' elf tmien mija u tlieta u sebghin lira maltin u sitta u

ghoxrin centezmu (Lm1,873.26) rapprezentanti bilanc dovut minnhom lis-socjeta' mittenti ghall-prodotti lilhom moghtija u servizzi lilhom rezi.

Bl-ispejjez inkluzi tal-ittra legali datata tnejn u ghoxrin (22) ta' Marzu 2006 u kif ukoll tal-ittra ufficcjali ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta datata 27 t'April 2006 (Numru 2620/06) u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenuti fejn eccepew:

1. Fl-ewwel lok, l-azzjoni ntentata hija perenta a tenur ta' l-Artikolu 2149(a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi hija thallset mill-esponenti dak dovut lilha fir-rigward tal-prodotti u s-servizzi msemmija fit-talba tal-istess socjeta' attrici.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Rat li fis-seduta tat-3 ta' Gunju 2009, din il-Qorti nnominat lill-Perit Godwin Abela bhala Perit tekniku.

Rat ir-relazzjoni tal-istess perit tekniku.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-Avukati difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

1. Il-konvenut Joseph Debono kien dahal fi ftehim[1] mas-socjeta' attrici fis-6 ta' Dicembru 2003 ghal prezz ta' LM 6981 li mieghu riedet tigi mizjuda l-VAT, liema ftehim kien jikkonsisti fi tqeghid ta' granit u irham fix-showroom tieghu.[2] Ir-rata miftiehma bejn il-partijiet kienet ta' LM39 kull metru kwadru.
2. Is-socjeta attrici ghamlet xi xogholijiet addizzjonali minn dawk originarjament pattwiti, u wara li tlestew ix-xogholijiet kollha, is-socjeta' attrici harget kont li jammonta ghal LM 5,873.26 inkluz il-VAT, minn liema ammont tnaqqas l-ammont ta' LM4,000 il-konvenut Joseph Debono hallas waqt li kienu qed isiru x-xogholijiet. Ghalhekk baqa' l-bilanc pendenti ta' LM 1873.26,[3] li s-socjeta attrici qed tippretendi minghand il-konvenuti.
3. Ghal kull buon fini, il-Qorti ma tistghax tifhem – u dan ma giex spjegat mill-partijiet - kif ghalkemm is-socjeta attrici ghamlet xogholijiet iktar minn dawk originarjament pattwiti, l-ammont tal-kont finali huwa anqas minn dak tal-*quotation* originarjament miftiehma.

[1] Is-socjeta' attrici pprezentat fl-atti tal-kawza l-istess ftehim ddatat 6 ta' Dicembru izda hdejn il-frazi « + il-VAT » ziedet l-ammont LM 1256 bhala l-ammont ta' VAT dovut bit-total sar ta' LM 8237 (ekwivalenti ghal € 19,187.07).
[2] Ara l-ftehim fuq xoghol u materjal bejn il-partijiet ddatat 6 ta' Dicembru 2003 a fol. 16 tal-process.
[3] Ara l-kont indirizzat lil Joseph Debono bla data a fol. 17 tal-process.

4. Fi kwalunkwe kaz, il-konvenut Joseph Debono ma qabilx mal-kejl globali fil-kont stante li kien hemm differenti mill-kejl fil-ftehim originali.[4]

5. Il-konvenut jghid li bi ftiehem mas-socjeta attrici – haga li negata mis-socjeta attrici – huwa kien inkariga lill-Perit Robert Zerafa halli jiehu l-kejl tax-xoghol li sar.[5]

6. Il-Perit Robert Zerafa hareg stima ghamel rapport fil-25 ta' Mejju 2004 fejn kejjel ix-xoghol fl-ammont ta' 98.8 m.k.[6] li multiplikati bir-rata miftiehma ta' Lm39.00 kull metru kwadru jammontaw ghal prezz LM 3852.36.

7. Fis-seduta tat-3 ta' Gunju 2009, din il-Qorti hatret lil Perit Godwin Abela bhala espert tekniku sabiex jiehu l-kejl u jaghmel stima tax-xoghol a bazi tal-provi.[7]

8. Il-Perit tekniku Godwin Abela, kejjel xoghol fl-ammont ta' 92.18 metri kwadri, u ikkonkluda hekk *"Mill-atti jirrizulta li kien hemm ftehim dwar il-prezz tal-fornitura u tqeghid tal-irham fil-post in kwistjoni w li din ir-rata kienet ta' Lm39 (€90.85) kull metru kwadru, b'dan li l-istima tax-xogholijiet skont il-kejl mehud mill-esponent kien ta' €8, 374.55 eskluz il-VAT. It-total inkluz il-VAT @18% u cioe €1, 507.42 hu ta' €9, 881.97.*[8]

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Is-socjeta' attrici qeghda titlob li l-konvenuti ihallsuha l-ammont ta' LM 1873.26 rapprezentanti bilanc dovut lilha ghas-servizzi ta' xoghol u materjal fix-showroom tal-konvenuti f'Tal-Qroqq.

---

[4] Ara x-xhieda ta' Joseph Debono a fol. 14 tal-process.
[5] Ara x-xhieda tal-perit Robert Zerafa a fol. 23 tal-process.
[6] Ara l-istima tal-perit Robert Zerafa a fol. 18 tal-process.
[7] Ara d-digriet fil-verba tat-3 ta' Gunju 2009 a fol. 55 tal-process.
[8] Ara r-relazzjon tal-perit tekniku Godwin Abela a fol. 72-73 tal-process.

Qabel ma se jigi ttrattat il-mertu, dina l-Qorti tosserva li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u cioe' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skont l-Artikolu 2149(a) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta giet irtirata mill-konvenuti fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2007. Ghalhekk dina l-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha.

It-tieni eccezzjoni tal-konvenuti hija dik li huma hallsu pjenament lis-socjeta' attrici.[9]

Effettivament, dina l-kawza tikkoncerna kwistjoni teknika. Huwa pacifiku bejn il-partijiet li r-rata miftiehma bejniethom ghal materjal u x-xoghol tat-tqieghid tal-irham kellha tkun dik ta' LM39 kull metru kwadru. Dak li mhux qed jaqblu fuqu l-partijiet huwa l-kejl tax-xoghol li effettivament ghamlet is-socjeta attrici.

Saru diversi provi, anke fuq ix-xogholijiet addizzjonali li ghamlet is-socjeta attrici. Pero, finalment dak li jghodd huwa l-kejl ta' dan ix-xoghol. Minhabba li l-partijiet ma setghux jaqblu fuq dan il-kejl, din il-Qorti innominat espert tekniku, il-Perit Godwin Abela biex ikejjel ix-xoghol li sar. Dan il-Perit « ...ha l-kejl tax-xogholijiet fejn tpogga l-irham u dan fil-presenza tal-partijiet u l-avukati taghhom li indikaw lill-esponent dawk ix-xogholijiet li kellhom jigu mkejlin.»[10] Dan il-Perit wasal ghal konkluzjoni li l-kejl tax-xoghol li sar kien ta' 92.18 metri kwadri.

Ironikament, dan il-kejl huwa anqas minn dak kalkolat mill-Perit Robert Zerafa li kkalkula 98.8 metri kwadri. Il-konvenut jghid li dan il-Perit gie inkarigat miz-zewg partijiet biex jiehu l-kejl, izda dan huwa negat mis-socjeta attrici.

[9] Ara r-risposta tal-konvenuti a fol. 8 tal-process.
[10] Ara r-relazzjoni tal-perit tekniku Godwin Abela a fol. 72 tal-process.

Huwa vera li fl-eskussjoni tieghu il-Perit Godwin Abela jammetti li kien hemm diffikulta li isir kejl ezatt specjalment fuq in-naha ta' wara fejn kien hemm kamra u l-access kien difficli. Pero hu xehed li hemm *"certi allowances"* ghal dan. Diffikulta ohra hija li peress li s-soll ikun imqieghed, ma jkunx jista' jsir kejl bi precizjoni. Pero f'dan il-kaz, il-percentwali ta' avarija jista' ipotetikament ikun zghir, cioe tnejn fil-mija (2%) bhala massimu. [11]

Fis-sentenza deciza fid-19 ta' Novembru 2001 fl-ismijiet **Joseph Calleja bhala direttur f'isem u in rapprezentanza tas-socjeta' Unicorn Holdings Limited vs John Mifsud,** il-Qorti tal-Appell osservat hekk:

*"Gie infatti ritenut minn din il-Qorti fil-kawza "John Saliba vs Joseph Farrugia" deciza fit-28 ta' Jannar 2000 illi:*

*"Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta' fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero', huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta' l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta' natura teknika li ma setghax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament*

[11] Ara x-xhieda tal-Perit Tekniku Godwin Abela a fol. 80-81 tal-process.

*tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta' natura teknika."*

Fil-kaz odjern, il-Perit Tekniku xehed – u dan ma gie kontestat minn hadd mill-partijiet li *"Naqbel li waqt l-access kien hemm prezenti l-partijiet kollha, l-avukati rispettivi u kulhadd idderiga lili sabiex nara x-xoghol li kellu jigi mkejjel. Jiena fil-kejl minhabba dik l-avarija li semmejt inkun zidt xi haga zghira."*[12] Fid-dawl ta' din ix-xhieda, din il-Qorti m'ghandha l-ebda raguni valida ghaliex tiddubita mill-veracita tal-kejl mehud mill-Perit Tekniku nominat minnha, anki jekk dan ma qabilx ma' dak mehud mill-Perit Zerafa.

L-unika haga li jidher li l-Perit Tekniku ma hax in konsiderazzjoni fir-relazzjoni tieghu, huwa il-valur tal-materjal tal-*iskirting,* li ma kienx jifforma parti mill-ftehim originali, pero li gie accettat anke mill-konvenut Joseph Debono u li l-ammont tieghu kien ta' LM160.[13] Fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti dan l-ammont ghandu jizdied mal-ammont kalkolat mill-perit tekniku fir-relazzjoni tieghu.

Is-socjeta attrici qieghda wkoll tippretendi li tithallas ghal sitt (6) targiet li allegatament inkissru minn haddiema tal-konvenut u li kellha tissostitwihom. Pero s-socjeta attrici ma gabet l-ebda prova oggettiva ta' dan u ghalhekk din l-allegazzjoni ma gietx ippruvata sal-grad rikjest fil-kamp civili.

Is-socjeta attrici allegat wkoll li l-konvenut ha l-materjal ghal bibien tal-lift u d-dawra tal-galleriji interni u tahhom lil terza persuna. Apparti li s-socjeta attrici ma ippruvatx

[12] Ara xhieda tal-Perit Godwin Abela a fol. 81 tal-process.
[13] Ara xhieda tal-konvenut a fol. 42.

din l-allegazzjoni taghha sal-grad rikjest fil-kamp civili, din it-talba mhix inkluza fit-talba fir-rikors promotur.

Fid-dawl tas-suespost, jekk l-istima tal-Perit Tekniku u cioe dik ta’ €9,881.97 (inkluz il-VAT) u jzid maghha l-ammont ta’ €439.79 (ekwivalenti ghal Lm160 flimkien mal-VAT), jammonta ghal €10,321.76. Minn dan l-ammont irid jitnaqqas l-ammont ta’ €9,317.49 (ekwivalenti ghal LM4000), li huwa pacifiku bejn il-partijiet li l-konvenut hallas lis-socjeta attrici. Ghaldaqstant, il-bilanc dovut lis-socjeta attrici huwa ta €1004.27.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti:

1. filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni u tichad it-tieni eccezzjoni,
2. tilqa’ limitatament t-talba attrici fis-sens li tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta attrici is-somma ta’ elf u erba’ Euro u seba’ u ghoxrin centezmu (€1004.27), bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv.

Fic-cirkostanzi, l-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-ittra legali datata tnejn u ghoxrin (22) ta’ Marzu 2006 u kif ukoll tal-ittra ufficcjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta datata 27 t’April 2007 (Numru 2620/06) ghandhom jithallsu kwantu ghal parti minn hamsa (1/5) mill-konvenuti u kwantu ghal erba’ partijiet minn hamsa mis-socjeta attrici (4/5).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------